TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 420/11/GZ

**Jason Cachia**

**vs**

**Paul Fenech Woodworks**

Illum 18 ta' April 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fid-19 ta' Settembru, 2011 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' elf u tliet mitt Ewro (€1300.00), rapprezentanti depozitu illi huwa hallas lis-socjeta' ntimata ghal gallarija ta' l-injam, liema gallarija qatt ma mmaterjalizzat.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa kien ordna gallarija ta' l-injam minghand is-socjeta' ntimata fit-12 ta' Marzu 2011. Is-socjeta' ntimata dejjem baqghet tghidlu li ser tigi twahhal il-gallarija, pero' sad-29 ta' Lulju 2011, qatt ma giet twahhalha. Sadanittant, ir-rikorrent skadielu il-permess tal-MEPA li kien jghid li l-gallarija kellha titwahhal sa Awissu, u ghalhekk ir-rikorrent kellu jordna gallarija ohra minghand xi hadd iehor.

Ir-rikorrent kien hallas depozitu lis-socjeta' ntimata. Huwa cempel lis-socjeta' ntiamata diversi drabi, pero' hija qatt ma cemplet lura jew qaltlu li l-gallarija kienet lesta. Id-delivery date kellha *tkun fil-15 ta' April 2011.*

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja ffirmata tal-ftehim bejn il-partijiet, datat 12 ta' Marzu 2011, li jinkludi deskrizzjoni tal-gallarija hekk kif kellha tinhadem, id-data tal-konsenja, liema konsenja kellha ssehh fil-15 ta' April 2011, u ndikazzjoni ta' l-ammont ta' elf u tliet mitt Ewro (€1300.00) li thallas mir-rikorrent bhala depozitu.

Ir-rikorrent ezebixxa ukoll kopja ta' cheque, datat 13 ta' Marzu 2011, ghall-ammont ta' elf u tliet mitt Ewro (€1300.00) pagabbli lil Paul Fenech; flimkien ma' kopja ta' ittra legali, datata 29 ta' Lulju 2011, li ntbaghtet lis-socjeta' ntimata ghar-rifuzjoni ta' l-imsemmi depozitu.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li ezamina d-dokumentazzjoni kollha ezebita, minn liema jirrizulta bic-car li l-ftehim iffirmat bejn il-partijiet kien li d-data tal-kunsinja kellha tkun fil-15 ta' April 2011, qed jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna lis-socjeta' ntimata tirrifuza l-ammont ta' elf u tliet mitt Ewro (€1300.00) lir-rikorrent, liema ammont kien thallas bhala depozitu fuq servizz, liema servizz attwalment qatt ma sehh u li ghalhekk l-imsemmi depozitu ma jista' qatt jinzamm mis-socjeta' ntimata, wisq inqas ma jibqa' jissejjah 'depozitu', meta fir-realta' ir-rikorrent qatt ma nghata c-cans li jhallas l-ammont totali ghall-gallarija, stante l-fatt li l-istess gallarija qatt ma mmaterjalizzat, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**